



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, id-29 ta' Novembru 2022

### Jenħtieġ li l-istatistika Ewropea tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-utenti

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi statistika Ewropea ta' kwalità ġeneralment suffiċjenti u xierqa għall-użu minn dawk li jfasslu l-politika, min-negozji u mill-pubbliku. Filwaqt li lill-Kummissjoni l-awdituri għaddewha mit-test, huma jwissu wkoll dwar għadd ta' dgħufijiet. Jenħtieġ li l-istatistika Ewropea tkun aktar utli għall-utenti tagħha u mfassla aħjar għall-ħtiġijiet tagħhom. Ikun tajjeb li l-partijiet ikkonċernati bħall-akkademiċi u l-komunità tar-riċerka fl-intier tagħha jiġu kkonsultati b'mod xieraq dwar il-pjanijiet u l-prijoritajiet għall-istatistika Ewropea. U hemm lakuni fid-*data* f'oqsma importanti tal-istatistika bħax-xogħol, in-negozju u s-saħħa.

L-istatistika uffiċjali hija indispensabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza li jsir minn politiċi u mexxejja tan-negozju, kif ukoll għall-ħidma tar-riċerkaturi, il-ġurnalisti u l-pubbliku. FI-UE, din tintuża għall-ġbir u l-allokkazzjoni tal-fondi, kif ukoll għat-tfassil u l-valutazzjoni tal-politiki fl-oqsma kollha, inklużi l-impjeg, l-ambjent u l-ekonomija. Bejn l-2013 u l-2020, kważi EUR 0.5 biljun ta' flus il-kontribwenti ntefqu mill-kaxxa tal-UE fuq il-produzzjoni tal-istatistika Ewropea. L-awdituri vverifikaw jekk il-Kummissjoni kinitx ħadet passi biex tiżgura livell għoli ta' kwalità, u eżaminaw fil-fond l-oqsma tax-xogħol, in-negozji u s-saħħa.

*"Il-produzzjoni tal-istatistika mhijiex għan fiha nnifisha,"* qalet Ildikó Gáll-Pelcz, il-Membru tal-QEA li mexxiet l-awditu. *"Hija ġid pubbliku, u trid tiġi ġġenerata l-ewwel u qabel kollox bl-utenti fiċ-ċentru. Fi żmien ta' diżinformazzjoni u sensiela ta' kriżijiet, huwa ta' importanza kbira li l-istatistika uffiċjali Ewropea tkun ta' kwalità għolja, tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti u tesplora modi innovattivi ta' produzzjoni."*

L-Eurostat, li huwa l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE konness direttament mal-Kummissjoni, jikkonsulta lill-utenti biex jidentifika liema ħtiġijiet jenħtieġ li jindirizza fil-ħidma futura tiegħu. Madankollu, l-awdituri sabu li l-korp rappreżentattiv prinċipali għall-utenti tal-istatistika – il-Kumitat Konsultattiv Ewropew tal-Istatistika – kien naqas milli jirrappreżenta l-utenti kollha b'mod bilanċjat u effettiv, u jenħtieġ li jkun aktar inklużiv sabiex tiġi żgurata perspettiva kollettiva. Illum, is-soċjetà ċivili, l-NGOs li jirrappreżentaw gruppi vulnerabbli, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali mhuma involuti xejn.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg  
E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](https://eca.europa.eu)

L-awdituri sabu wkoll lakuni fl-istatistika tas-saħħa, li għadha mhux kompleta minħabba li parti minnha hija volontarja u mhux l-Istati Membri kollha jippreżentaw id-*data* miftiehma kollha lill-Eurostat. L-Eurostat qed jiffaċċja wkoll diffikultajiet biex jikseb id-*data* meħtieġa f'xi Stati Membri f'oqsma bħan-negozju. B'konsegwenza ta' dan, huwa japplika b'mod skorrett id-definizzjoni ta' kumpaniji żgħar u medji. Lakuna oħra li l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għaliha tikkonċerna n-nuqqas ta' setgħat ta' verifikazzjoni li għandu l-Eurostat f'xi oqsma. L-Eurostat ma għandu l-ebda dritt li jivverifika d-*data* tal-Istati Membri dwar ix-xogħol u l-popolazzjoni, pereżempju, u għalhekk ma jistax jivverifika l-affidabbiltà tagħhom. Din l-istatistika tiffirma l-bażi għal diversi kontribuzzjonijiet tal-UE, inkluż il-finanzjament għall-irkupru mill-pandemija. Dan jista' jwassal biex l-allokazzjoni ta' fondi tal-UE abbażi ta' tali *data* ma tkunx preċiża.

It-tempestività hija tħassib ieħor, b'mod partikolari għall-istatistika tas-saħħa u tan-negozju. Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw xi *data* lill-Eurostat tard sa sentejn wara l-fatt, li diġà jnaqqas il-benefiċċju tagħhom għall-utenti, f'xi każijiet l-Istati Membri ppreżentaw *data* sinifikattivament wara d-*data* ta' skadenza, parzjalment biss, jew xejn affattu. Is-sistema statistika Ewropea mhijiex flessibbli biżżejjed, lanqas, biex tirreaġixxi malajr b'settijiet ġodda ta' *data* meta jinqalgħu ħtiġijiet ġodda. Dan sar evidenti b'rabta mal-COVID-19, fejn kien meħtieġ li jinstabu modi alternattivi għall-kalkolu tar-rati tal-imwiet.

L-awdituri sabu li l-kisba tal-finanzjament għall-istatistika Ewropea ma saritx b'mod xieraq, u li ma pprioritizzax proġetti innovattivi b'mod suffiċjenti. Huma jiġbdu l-attenzjoni wkoll għar-rilaxx minn qabel ta' statistika mill-Eurostat lil ċerti gruppi ta' utenti, li joħloq riskju ta' approfittar ekonomiku minn dawk li jiksbu aċċess bikri. L-għażla ta' aċċess għar-rilaxx qabel il-ħin tista' toħloq opportunitajiet għal benefiċċju ekonomiku li jista' joħloq distorsjoni serja tas-swieq, u jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis mill-ġdid il-prattika attwali tagħha.

### Informazzjoni ġenerali

Ir-Rapport Speċjali 26/2022, "Statistika Ewropea: Potenzjal għal aktar titjib tal-kwalità", huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#). Il-QEA preċedentement ippubblikat [rapport dwar l-Eurostat fl-2012](#) u f'qasir żmien se tippubblika rapport dwar il-kalkolu tal-ING.

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Damijan Fišer: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeais: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502